MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 1992/2004

**GasanMamo Insurance Limited (3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Raymond Spiteri (ID 148967M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Raymond Spiteri**

**vs**

**Christopher Farrugia (ID 50583M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta` Ottubru, 2004 fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` tliet mija sebgha u hamsin lira, disgha u disghin centezmu (Lm357.99) rapprezentanti danni sofferti f'incident stradali li sehh gewwa Triq George Borg Olivier, San Giljan nhar is-16 ta` Jannar, 2004 bejn il-vettura numru FBY 701 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru KBC 696 proprjeta` tal-attur u misjuqa minnu stess

u ghal liema ncident kien unikament responsabbli l-istess konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 7 ta` Lulju, 2004 u ta` dik prezentata kontestwalment ma` dana l-att u bl-imghax legali dekorribbli b'effett mis-7 ta` Lulju, 2004 sad-data ta` l-effettiv pagament kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-17 ta' Novembru, 2004 fejn ikkontesta r-responsabbilita` ta` l-incident stante li jallega li dan sehh minhabba tortijiet imputabbli lill-istess attur u kif ukoll gew kontestati id-danni stante li kienu eccessivi.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta` l-ittra legali datata 6 ta` Mejju, 2004 u ta` l-ittra ufficcjali datata 30 ta` Lulju, 2004 kontra l-atturi.

Ra u ezamina l-provi migjuba u d-dokumenti esebiti.

Sema` It-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-incident stradali meritu ta` dina l-kawza tinvolvi impatt li sehh bejn xarabank u vettura li kienu miexjin fid-direzzjoni opposta ta` xulxin u dana f'liwja li hemm fejn il-Barracuda Restaurant, San Giljan. Ix-xarabank misjuqa mill-konvenut kienet sejra fid-direzzjoni ta` tas-Sliema filwaqt li l-vettura misjuqa mill-attur kienet miexja fid-direzzjoni ta` San Giljan.

Il-konvenut jallega li ghalkemm huwa qalgha kemm xejn il-barra peress illi kien hemm vettura parkeggjata kif jidher fuq l-iskizz a fol 14 tal-process, (liema fatt jinsab anke konfermat mill-istess attur) huwa xorta wahda dejjem baqa` fuq il-karreggjata tieghu u f'ebda hin ma dahal fuq il-karreggjata ta` l-attur. Difatti gie argumentat u nnotat mid-difensur tieghu illi skond l-istess skizz a fol 14 tal-process jidher li l-impatt sehh pjuttost fuq il-karreggjata tax-xarabank. Il-konvenut xehed illi l-impatt sehh peress

illi l-attur gie fuq il-karreggjata tieghu fil-liwja u habat max-xarabank fuq in-naha ta` wara tal-lemin. Ikompli jghid li ma` l-impatt huwa waqaf hesrem filwaqt li l-attur baqa` miexi ftit iehor, qisu tul ta` vettura kif fil-fatt jidhru ndikati fuq l-iskizz.

L-attur jallega li x-xarabank qalghet il-barra biex taqbez il-vettura parkeggjata u hekk kif kienet qed taghmel il-manuvra biex tidhol lura l-gewwa, laqghtet il-bumper u mudguard ta` quddiem tal-lemin u dana pjuttost permezz ta` parti mix-xarabank fuq in-naha ta` wara ghalkemm mhux fit-tarf nett. Ighid li ma jaqbilx ma` l-iskizz peress li jsosti li l-punt tal-impatt kellu jigi ndikat fuq in-naha ta` quddiem tal-vettura tieghu u mhux fuq in-naha ta` wara. Fl-istess nifs pero` jikkonferma li l-vetturi spiccaw fil-posizzjoni kif murija fuq dan l-iskizz. In kontro-ezami huwa l-attur baqa` jinsisti li ma` l-impatt huwa waqaf hesrem pero` ma setax jispjega il-prezenza tat-trab fuq in-naha ta` wara tal-vettura tieghu fejn gie ndikat l-impatt. Ighid ukoll li x-xarabank ma skiddjatx. Ukoll ma jaqbilx dwar il-fatt li l-ispot of impact gie ndikat fuq il-karreggjata tieghu peress li ma qabilx fejn dan gie mpingi fuq l-iskizz.

PS 78 Joseph Cremona filwaqt li jikkonferma bil-gurament tieghu l-iskizz u r-rapport maghmul minnu li jinsabu esebiti a fol 9 sa 14 tal-process, jinsisti fuq il-korrettezza ta` fejn gie ndikat l-ispot of impact. Dan indikah fejn sab “munzell zghir tal-hmieg illi ssoltu jaqa` mill-vetturi meta jkun hemm impatt”. Dwar il-hsara li kellu l-attur huwa jghid li dan jiftakru fuq il-lemin fuq in-naha ta` wara mhux fuq in-naha ta` quddiem ghalkemm fir-rapport jindikah bhala “Front right mudguard side”. Is-survey report a fol 15 tal-process ukoll jindika l-hsara tal-vettura tal-attur bhala li grat fuq il-“front right hand side damage” u kif ukoll it-tiswijiet li saru (vide fol 16). Dal resto anke l-istess konvenut jaqbel li l-hsara tal-attur kienet fuq in-naha ta` quddiem tieghu.

Illi miz-zewg verzjonijiet moghtija, it-Tribunal huwa tal-fehma li dik tal-konvenut hija aktar kredibbli peress illi tikkombacja ferm aktar mal-pozizzjoni tal-vetturi kif murija fuq l-iskizz tal-pulizija. Jaghmel ferm aktar sens li mal-impatt l-attur mexa ftit `il quddiem u dana anke peress li l-

vettura tal-attur hija ferm aktar hafifa u f'dak l-inhawi huwa qieghed pjuttost f'nizla filwaqt li x-xarabank, vettura aktar tqila kien miexi fuq is-second gear u jinsab pjuttost ghat-telgha. It-Tribunal irid jaghmilha cara li mhux qed nitkelmu fuq xi telgha jew xi nizla wieqfa izda semplicement dislivell hafif bejn naha u ohra pero` liema dislivell xorta wahda jista` jaffettwa l-momentum tal-vetturi miexjin sew minn naha u sew minn ohra. Jaghmel sens ghalhekk u hija verosimili l-verzjoni li tallega li mal-impatt l-attur mexa ftit `il quddiem u si spjega kwindi il-ghala l-vettura tieghu spiccat f'pozizzjoni quddiem l-ispot of impact. Illi ghalhekk jekk wiehed jikkunsidra l-iskizz tal-pulizija bhala korrett u ma tirrizulta ebda raguni gustifikata il-ghala ghandna niddubitaw tali skizz, jidher bla ebda dubbju li l-punt tal-impatt sehh proprju fuq il-karreggjata tal-konvenut u kwindi ghalhekk dan il-fattur kien il-kawza prossima tal-incident u mhux per konsegwenza ta` xi manuvra da parti tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jiddeciedi u jaqta` dan il-kaz billi jiddikjara li ma jsibx lill-konvenut b'xi mod responsabbli ghall-incident in kwistjoni kwindi jilqa` l-eccezzjonijiet minnu sollevati u jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------